

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-6 ta' Frar 2014 – Duff Beer vs UASI – Twentieth Century Fox Film (Duff)**(Kawża T-87/12) ⁽¹⁾****(“Trade mark Komunitarja — Oppożizzjoni — Irtirar tal-oppożizzjoni — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)****(2014/C 112/43)****Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż****Partijiet**

Rikorrenti: Duff Beer UG (haftungsbeschränkt) (Eschwege, il-Ġermanja) (rappreżentant: N. Schindler, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Poch, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Twentieth Century Fox Film Corp. (Wilmington, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: S. Böttger u M. Koch, avukati)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Diċembru 2011 (Każ R 456/2011-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Twentieth Century Fox Film Corp. u Duff Beer UG (haftungsbeschränkt).

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.
- 2) Ir-rikorrenti u l-intervenjenti huma kkundannati għall-ispejjeż tagħhom, kif ukoll, kull wiehied minnhom, għal nofs l-ispejjeż sostnuti mill-konvenut.

⁽¹⁾ ĠU C 109, 14.04.2012.

Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-29 ta' Jannar 2014 – Sothys Auriac vs UASI – Grand Hotel Primavera (BEAUTY GARDEN)**(Kawża T-470/12) ⁽¹⁾****(“Trade mark Komunitarja — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Irtirar tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)****(2014/C 112/44)****Lingwa tal-kawża: il-Franċiż****Partijiet**

Rikorrenti: Sothys Auriac (Auriac, Franza) (rappreżentant: A. Berthet, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI: Grand Hotel Primavera SA (Borgo Maggiore, San Marino)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-12 ta' Lulju 2012 (Każ R 1419/2011-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Grand Hotel Primavera SA u Sothys Auriac.